MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## RAYMOND C. PACE

Seduta tat-28 ta' Ottubru, 2003

Citazzjoni Numru. 116/2002/1

**Louise Formosa nee' Grima**

**vs**

**Vincent Formosa**

**Il-Qorti,**

## I. PRELIMINARI.

Rat ic-citazzjoni attrici a fol. 1 fejn gie premess:-

Illi l-kontendenti Louise Formosa nee' Grima u Vincent Formosa kienu kkontrattaw zwieg bejniethom fit-13 ta' Mejju 1989 Dok. "A".

Illi l-kunsens tal-partijiet ghal dan iz-zwieg kien vizzjat b'difett serju ta' diskrezzjoni ta' gudizzju fuq il-hajja mizzewga, u/jew fuq id-drittijiet u d-dmirijiet essenzjali taghha kif ser ikun ippruvat waqt it-trattazzjoni tal-kawza;

Illi l-kunsens tal-partijiet ghal dan iz-zwieg kien vizzjat peress li kien inkiseb bl-eskluzjoni pozittiva taz-zwieg innifsu, jew ta’ xi wiehed jew aktar mill-elementi essenzjali tal-hajja mizzewga, jew dritt ghall-att taz-zwieg liema att taz-zwieg fil-fatt qatt ma sar bejn il-partijiet.

Illi ser jirrizulta simulazzjoni tal-kunsens tant li dan kien kompletament ivvizzjat u/jew sar bl-eskluzjoni pozittiva taz-zwieg.

Illi ser jirrizulta li l-konvenut ma riedx li jkun hemm tfal rizultanti mir-relazzjoni taz-zwieg bejn il-partijiet.

U ghalhekk l-imsemmi zwieg huwa null u bla effett *ai termini* tal-artikoli relevanti taht l-**Att XXXVI tal-1975** li jirregola z-zwigijiet.

Illi l-istess attrici talbet lil din l-Onorabbli Qorti sabiex ghar-ragunijiet premessi:-

1. Tiddikjara u tiddeciedi illi z-zwieg ikkuntrattat bejn il-kontendenti Louise Formosa nee’ Grima u Vincent Formosa debitament ikkuntrattat fit-13 ta’ Mejju 1989 huwa null u bla effett ghall-finijiet u effetti kollha tal-ligi u taghti dawk il-provvedimenti kollha l-ohra illi jkunu opportuni f’dan ir-rigward.

Bl-ispejjez kontra l-konvenut li huwa ngunt minn issa biex jixhed in subizzjoni.

Rat id-dikjarazzjoni attrici a fol. 3 tal-process;

Rat il-lista ta’ xhieda u d-dokumenti esebiti a fol. 4 u 5 tal-process;

Rat il-verbal tas-seduta tas-16 ta’ Mejju 2002 fejn inghata digriet affidavit tal-partijiet b’terminu ta’ erbghin (40) gurnata kull wiehed.

Rat in-nota tal-eccezzjonijiet tal-konvenut tal-31 ta’ Mejju 2002 a fol. 13 fejn gie eccepit:-

1. Illi z-zwieg ikkontrattat bejnu u Louise Formosa nee' Grima fit-13 ta' Mejju 1989 huwa validu ghall-finijiet u effetti kollha tal-ligi,

2. Illi ma kien hemm l-ebda vizzju serju ta' diskrezzjoni ta' gudizzju fuq il-hajja mizzewga bejn il-kontendenti li jannulla z-zwieg kif hemm premess fic-citazzjoni;

3. Illi qatt ma kien hemm l-eskluzjoni pozittiva taz-zwieg bejnu u bejn martu jew ta' xi elementi essenzjali tal-hajja mizzewga jew dritt ghall-att taz-zwieg kif allegat fic-citazzjoni;

4. Illi mis-suespost isegwi illi t-talba attrici ghall-annullament taz-zwieg *de quo* hija nfondata fil-fatt u fid-dritt u l-konvenut ghandu jigi lliberat mill-osservanza tal-gudizzju bl-ispejjez kontra l-attrici;

5. Salv eccezzjonijiet ulterjuri jekk ikun il-kaz.

Rat id-dikjarazzjoni u l-lista tax-xhieda tal-konvenut a fol. 14 u 15 tal-process.

Rat il-verbali tal-15 t'Ottubru 2002 fejn il-Qorti estendiet it-terminu ghall-prezentata tal-affidavits attrici b'ghaxart ijiem ohra.

Rat in-nota tal-attrici datata 5 ta' Marzu 2003 li permezz taghha esebiet l-affidavit taghha, ta' Judith Overend, ta' Carmen Overend u ta' Helen Grima.

Rat in-nota tal-konvenut tal-24 ta' Marzu 2003 li permezz taghha esebixxa l-affidavit tieghu u ta' Victor Sultana.

Rat il-verbali tas-seduti tas-26 ta' Marzu 2003 u tal-5 ta' Gunju 2003 fejn Dr. Carmelo Grima ghall-konvenut irrimetta ruhu ghall-atti u talab li l-kawza tibqa' ghas-sentenza. Il-kawza giet fil-fatt differita ghas-sentenza ghall-lum 28 t'Ottubru 2003.

Rat id-dokumenti esebiti.

Rat l-atti kollha l-ohra tal-kawza.

## II. KONSIDERAZZJONIJIET.

### (i) PROVI PRODOTTI.

Illi l-attrici **Louise Formosa** permezz tal-affidavit taghha sostniet illi:-

*"Jiena kont iltqajt mar-ragel tieghi circa Settembru 1983. Dak iz-zmien jien kelli biss (15) hmistax-il sena, u hu kien l-ewwel guvni li kelli.*

*Ahna konna niltaqghu darba wahda biss, li kien ikun is-Sibt, u kelli nkun gewwa ghall-habta tad-9:00 p.m. Il-Hdud konna nkunu mal-genituri peress li t-tnejn ghandhom villeggjatura hdejn il-bahar. Bqajna sejrin hekk ghal madwar sitt (6) snin circa w nista' nghid li qatt ma kellna relazzjoni sesswali qabel iz-zwieg.*

*Il-fatt li Vincent kien l-ewwel guvni f'hajti serviet ta' zvantagg ghalija. Inzid ukoll li dejjem qghadt attenta li ma japprofittax ruhu minni, u/jew forsi ghax kien "jirrispettani". Barra minn dan kont nosserva li lanqas idea ta' karezzi ma kellu, u ghadu hekk sal-lum. Jien kont nahseb li forsi l-irgiel kollha hekk u forsi m'humiex sentimentali daqs in-nisa! Ghall-ewwel l-affarijiet kienu sejrin tajjeb. Meta nghid hekk qed nirreferi ghall-ewwel xahar biss. Wara dan il-perjodu, ir-ragel kien gabni f'sitwazzjoni li llum, la qeghda legalment separata minnu nhossni ahjar issa milli meta konna nghixu flimkien. Naturalment, jien mhux hekk xtaqt, pero' z-zmien urieni li jien hadt l-ahjar pass.*

*Fil-waqt li kemm domna nghixu flimkien, dejjem ghamilt l-almu tieghi biex inzomm id-dar nadifa w insajjar l-affarijiet li jixtieq Vincent, f'affarijiet personali taghna, l-affarijiet ma kienux sew, u dan bhalma jaf ben tajjeb ir-ragel tieghi. Inzid li ma tantx kien jaghti kaz, u din l-indifferenza tieghu kienet taffettwani.*

*Apparti mill-fatt li kellu nuqqas kbir ta’ karezzi, u ma kienx jurini li kien ihobbni, Vincent kien veru fqir fl-aspett tal-att taz-zwieg. Naturalment ma tantx kien ifittixni. Jien kemm-il darba kont nitkellem ma’ nisa ohrajn, u kemm-il darba ghaddieli suspett li forsi kellu wahda, anke forsi ta’ liema sess, ghax spiccajt fid-dubju!*

*Vincent kien biered ghall-ahhar mieghi, tant li meta fil-ftit okkazjonijiet, kien hemm intimita’, ma kienx ikun qed ihoss gibda. Fil-fatt, l-affarijiet ma kienux qed isiru kif suppost, u kont nurih ’il Vincent, imma kien kollu ghalxejn! Din il-haga domt hafna nissaporti, u nista’ niddikjara li l-unika haga li zammitni mar-ragel qabel ma ddecidejt li nissepara kien it-tifel.*

*Aktar ma ghadda z-zmien mid-data taz-zwieg tieghi, kont nara li r-ragel donnu kellu problema. Naturalment, hu qatt ma ammettiha, imma qalb mugugha thoss u tkun taf. Xi minn daqqiet, gieli kont nghid li forsi nipprova nara kif naghmel biex b’xi miraklu, jkun hemm tarbija ohra biex nimla hajti ftit iehor, u dan peress li jien ma kontx nahdem! Imma Vincent ma riedx izjed tfal u bdejt nirringrazzja ’l Mulej li kelli ghall-anqas lil Wayne! B’din is-sitwazzjoni kelli naccettah b’sagrificcju kbir u bi dwejjaq kbar. Ikolli nammetti li allahares ma kenitx ommi ghax fil-ghodu dik kienet il-harga tieghi u tat-tifel li mmorru ghandha! Il-fatt li kont immur ghand ommi kien jiddejjaq tant li kien jghidli li ma kellix sabar noqghod id-dar. Il-verita’ kienet dak li gie ndikat qabel, u cjoe’ li n-nuqqas ta’ prezenza tieghu gieghelitni nsib il-“kenn” ghand ommi. Dan kont naghmlu wkoll ghax Vincent ma kienx it-tip li jitkellem!*

*Darba, u dan qed nghidu wara ghaxar (10) snin zwieg, kont sibt xi wirdien fil-kcina. Il-fatt li dawn idejquni bil-bosta, jiena lanqas ma ridt immur lejn id-dar. Jien bkejtlu lil Vincent biex jaqlaghli l-cupboard ghax kont insib, zgur aktar, imma hu rrifjuta, allavolja rani f’dak l-istat. Wiehed irid izid ukoll li dak iz-zmien kelli ‘mild depression’ ukoll.*

*Is-sitwazzjoni tant iddeterjorat bejn u r-ragel tieghi li darba kont iltqajt ma’ ragel u bdejna nitkellmu. Ikolli nammetti li ftaht qalbi mieghu. Ikolli nzid li kont ili nafu di vista ghal xi*

*(14) erbatax-il sena, imma qatt ma gara xejn bejnietna. Dan ir-ragel meta rani strumblata daqshekk, beda jzieghel bija (u jiena li f'sittax-il sena ma kellix karezzi) u xtaqt li r-ragel jifhimni, bdejt insibhom f'dan ir-ragel fil-kumpanija tieghu! Irrizulta pero', li r-ragel induna b'dana kollu u mar ikellem lill-avukat tieghu qabel qal lili li nduna biex jissepara u rnexxielu. B'hekk isseparajna bonarjament, imma ma tanix nofs l-affarijiet kif suppost ghax beda jghid li t-tort huwa kollu tieghi.*

*Fic-cirkostanzi jien ma ridtx niftah kawza, stante li kawzi f'Malta jdumu hafna".*

Illi gew prezentati wkoll tliet xhieda ohra mill-attrici li lkoll taw ix-xhieda taghhom permezz tal-procedura tal-affidavit, u dawn huma **Judith Overend**, **Carmen Overend**, u **Helen Grima**.

Illi min-naha tieghu l-konvenut **Vincent Formosa** fl-affidavit tieghu sostna illi:-

*"Qabel ma zzewwigt ma' Louise Formosa nee' Grima fit-13 ta' Mejju 1989, konna ilna gharajjes ghal sitt snin. Konna koppja normali u qatt ma eskludejna l-elementi essenzjali taz-zwieg u fil-fatt fi Frar tal-1991 kellna t-tifel Wayne. Inzid nghid illi kellna relazzjoni sesswali normali u ghalhekk ma nistax nifhem dak li ntqal fid-dikjarazzjoni ta' marti Louise illi l-att taz-zwieg kien eskluz.*

*Illi bhala ragel mizzewweg u b'responsabbilta' lejn il-familja, dejjem kont naghmel minn kollox biex inzomm lill-familja kuntenta u komda. Inzid nghid illi kemm domna flimkien marti qatt ma hadment barra mid-dar.*

*Jien qatt ma kont inqajjem lil Louise biex tippreparali l-kolazzjon u qabel ma mmur ghax-xoghol billi kont inqum qabilha u ma kontx irrid inqajjimha u allura kont naghmlu jien b'rispett lejha u ma kont nghidilha xejn.*

*Illi qatt ma qaltli illi kienet ghamlet ghazla hazina meta zzewget mieghi. Kellna wkoll hajja socjali normali u konna nohorgu regolarment mal-hbieb u wkoll gieli sifirna*

*flimkien. Qatt ma kellna xi problemi kbar fil-hajja mizzewga.*

*Inzid nghid illi meta gieli kont inkun ma niflahx, xorta kienet tmur ghand ommha Ta' Xbiex u thallini wahdi. Inkompli nghid illi l-familja tal-mara ghandha garaxx il-Mellieha, 'boathouse' u gieli kienet titla' m'ommha u taghmel gurnata hemm. Dawn l-okkazjonijiet kienu skuza tajba sabiex Louise tiltaqa' ma Jesmond Azzopardi, ir-ragel ta' kuginitha Fiona Azzopardi minghajr ebda skrupli.*

*Illi sa sena u nofs wara li sseparajna bonarjament kienet tigri warajja u ccempilli u ltqajna xi darbtejn fuq insistenza taghha biex nergghu nirrangaw. Jien kont inkellimha per edukazzjoni pero' kont deciz illi ma mmurx lura maghha".*

Illi l-konvenut ipprezenta wkoll ix-xhieda ta' **Victor Sultana** permezz ta' affidavit.

**(ii) PRINCIPJI LEGALI.**

Illi fic-citazzjoni taghha, l-attrici talbet li z-zwieg li gie celebrat bejn il-kontendenti ghandu jigi dikjarat null *ai termini* tal-**artikolu 19 (1) (d) u 19 (f) tal-Kap 255 tal-Ligijiet ta' Malta** fejn jinghad hekk:

*"**19 (1)** B'zieda mal-kazijiet fejn zwieg ikun null skond xi dispozizzjoni ohra ta' dan l-Att, zwieg ikun null:*

***(d)** jekk il-kunsens ta' xi wahda mill-partijiet ikun vizzjat b'difett serju ta' diskrezzjoni ta' gudizzju fuq il-hajja mizzewga, jew fuq id-drittijiet u d-dmirijiet essenzjali taghha, jew b'anomalija psikologika serja li taghmilha mpossibbli ghal dik il-parti li taqdi l-obbligazzjonijiet essenzjali taz-zwieg;*

***(f)** jekk il-kunsens ta' xi wahda mill-partijiet ikun inkiseb bl-eskluzjoni pozittiva taz-zwieg innifsu, jew ta' xi wiehed jew aktar mill-elementi essenzjali tal-hajja mizzewga, jew tad-dritt ghall-att taz-zwieg";*

Illi dwar l-ewwel difett li l-attrici qed tikkontendi li kellhom il-partijiet meta kkontrattaw iz-zwieg, huwa dak li hemm provdut fl-**artikolu 19 (1) (d).**

Illi b'difett serju ta' diskrezzjoni ta' gudizzju l-legislatur ma riedx ifisser semplicement kwalsiasi stat ta' mmaturita` li parti jew ohra fiz-zwieg tista' tkun fiha fil-mument li jinghata l-kunsens reciproku (Ara f'dan is-sens **"Nicholas Agius vs Rita Agius gia' Caruana"** – P.A. (VDG) deciza fil-25 ta' Mejju 1995).

Illi li kieku l-legislatur irrikjeda maturita` shiha u perfetta, ftit jew addirittura ebda zwieg ma kien ikun validu. In-nuqqas ta' *discretio judicii* hu kuncett guridiku ntrinsikament marbut mal-kapacita` ta' parti jew ohra fiz-zwieg li taghti l-kunsens liberu u xjenti taghha ghar-rabta taz-zwieg. Kif jispjega l-gurista ***Colagiovanni***:-

"*Il matrimonio, in quanto patto ossia "foedus" … … … richiede una capacita` intelletuale e volitiva al di sopra di ogni altro contratto che e` per lo meno rescindibile, in casi determinati dalla legge, richiede quindi una integrita` di mente e di liberta`, dato che … … … si tratta di assumersi una "servitus" per tutta la vita"* (**Forum**, 1990, Vol. 1 part I, p. 72).

Illi pero`, kif gia' nghad, b'immaturita` jew difett serju ta' diskrezzjoni ta' gudizzju d-dottrina u l-gurisprudenza *"non si riferiscono ad una piena e terminale maturita`, non esigono nei nubenti una conoscienza perfetta ed esaustiva di cio` che comporta il matrimonio, non richiedono una preveggenza chiara ed assoluta di cio` che puo compartare la vita coniugale, ne` un perfetto equilibrio volitivo-affettivo, ne` infine una conscienza perfetta delle motivazioni della scelta matrimoniale. Ecco perche` riesce piu` appropriato l' uso del termine discrezione di giudizio, che fa riferimento ad un certo discernimento ma non implica il raggiungimento di una maturita` piena*" (***Pompedda, M.F.,*** **Il Consenso Matrimoniale in Grocholewski –** ***Pompedda*** – ***Zagglia*****, Il Matrimonio nel Nuovo Codice di Diritto Canonico** (Padova, 1984), p. 46).

Illi proprju ghalhekk ukoll il-legislatur jirrikjedi li d-difett ta' diskrezzjoni jrid ikun wiehed serju u l-anomalija psikologika tkun wahda serja.

Illi kif jispjega ***Bersini***, id-diskrezzjoni ta' gudizzju tikkonsisti f'zewg elementi distinti izda konkorrenti u interdipendenti:-

*"La piena avvertenza e il deliberato consenso … … … La piena avvertenza si riferisce alla sfera intellettiva, il deliberato consenso a quella volitiva. In altri termini, la discrezione di giudizio comprende la maturita` di giudizio e la maturita` affettiva … … … La maturita` di giudizio comporta una conoscenza critica proporzionata all' atto da compiere, agli obblighi essenziali da assumersi e ai doveri coniugali che ne derivano proiettati nel futuro. La maturita` affettiva comporta generalmente quella adequata evoluzione degli istinti, degli affetti, dei sentimenti, della emotivita` che se sono turbati o inadeguati intaccano direttamente la volonta` e possono privare della libera scelta interiore. Abbiamo cosi` una mancanza di consenso libero (immaturita` affettiva) e ponderato (immaturita` di giudizio)*" (***Bersini, F.,*** **Il Diritto Canonico Matrimoniale** (Torino, 1994), p. 97).

Illi l-istess awtur, imbaghad ikompli jispjega dwar kemm irid ikun serju d-difett ta' diskrezzjoni biex wiehed ikun jista' jghid li hemm id-difett fil-kunsens u l-konsegwenti nullita` taz-zwieg:-

*"Se ci si chiede quale grado di discrezione di giudizio possa ritenersi proporzionato al matrimonio, rispondiamo anzitutto che, sia per la conoscenza intellettiva come per la deliberazione volitiva, dovra' essere maggiore di quello richiesto per peccare mortalmente e per stipulare gli altri contratti. Il motivo sta nel fatto che il consenso matrimoniale riguarda obbligazioni che si proiettano nel futuro ed e` ordinato all' assunzione di uno stato di vita che incide su tutta l' esistenza con un contratto perpetuo e irrescendibile che comporta una serie di gravi obblighi ad esso inerenti. Per dare un valido consenso, non e`*

*sufficiente il grado di ragione col quale speculativamente uno sappia che cosa e` il matrimonio; e` necessaria la maturita` di giudizio capace di ponderare in concreto i doveri e i diritti che uno deve assumersi per tutta la vita. In altri termini, e` necessaria la discrezione non tanto per l' atto in se, al momento di emettere il consenso, quanto per gli impegni che da quell' atto derivano. Una discrezione che impegni per il futuro. Ovviamente si richiede una ponderazione degli impegni sostanziali del matrimonio e non di tutto il suo valore etico, religioso, sociale, giuridico ed economico, altrimenti ben pochi sarebbero in grado di emettere un valido consenso. Ogni volta che i contraenti abbiano raggiunto l' eta prescritta dal legislatore per poter contrarre matrimonio, si presume che essi siano in possesso della debita discrezione di giudizio; tale presunzione, tuttavia, ammette prove in contrario. Pertanto, qualora si possa dimostrate, per qualsiasi motivo, la capacita` intellettiva e volitiva sopra descritta sia gravamente alterata o addirittura mancante, si dovra` ritenere che il vincolo matrimoniale sia nullo per difetto di discrezione di giudizio".* (*ibid.* pp. 97-98).

Illi hawnekk il-Qorti, pero`, tixtieq tippreciza li ghazla libera, kunsens hieles, ghar-rabta taz-zwieg mhux sinonimu mal-kuncett ta' ghazla facli:-

*"… … ... se il sogetto non e` in grado di superare [i] condizionamenti interiori, allora si dira` che la scelta di lui non e` stata libera; lo sara` invece qualora pur pressato da tali impulsi provenienti dal proprio psichismo, da un' affettivita` non sufficientemente matura o anomala, e quindi anche di fronte a conflitti interiori, sara` stato capace di superarli, di dominarli razionalmente, di scegliere con autonomia ... ... ... In ogni caso, i nubenti debbono aver coscienza di assumere vere obbligazioni (e reciprocamente di concedere veri diritti) di creare cioe` col matrimonio un patto che vincola a un comportamento idoneo e adeguato alla specifica societa` coniugale, sia nei rigwardi dell' altra parte sia nei riguardi della prole*" (***Pompedda, M.F.,*** **Incapacita` di Natura Psichica in Matrimonio Canonico: Fra Tradizione e Rinnovamento** (Bologna, 1991), pp. 231, 233).

Illi biex tikkonkludi fuq din it-tema, il-Qorti taghmel referenza ghas-segwenti espozizzjoni ta' ***Viladrich***:-

*"Thus, there is grave lack [of discretion of judgment] when it is proven that a contracting party lacks intellectual and volitional maturity necessary to discern, in view of binding oneself in an irrevocable manner, the essential rights and duties of marriage, which are the object of mutual surrender and acceptance. The discretion of judgment refers to that degree of maturity of comprehension and of will of the contracting parties which enables them to give and receive each other, through a juridical bond, in a unique community of life and love. This community is indissolubly faithful, ordered to the good of the spouses as well as to the procreation and education of the offspring*" **(*Viladrich, P.J.,* Matrimonial Consent in Code of Canon Law Annotated** (Montreal, 1993), p. 686).

Illi kwantu ghad-difett fil-kunsens dovut ghall-anomalija psikologika serja li taghmilha mpossibbli ghal dik il-parti li taqdi l-obbligazzjonijiet essenzjali taz-zwieg, il-ligi taghna, bhad-dritt kanoniku **(Can. 1095[3])** tirrekjedi mhux semplici diffikulta` izda mpossibbilta` li wiehed jaqdi ossia jassumi l-obbligazzjonijiet essenzjali taz-zwieg. Inkapacita` jew impossibbilta` vera f' dan il-kuntest hi ipotizzabbli biss fil-prezenza ta' anomalija psikologika serja li, independentement minn kif wiehed jaghzel li jiddefiniha jew jiklassifikaha fil-kamp tal-psikjatrija jew tal-psikologija, tintakka sostanzjalment il-kapacita` *"di intendere e/o di volere"*. *"L' incapacita` di assumere gli oneri essenziali della vita coniugale"*, jghid il-***Bersini***, "*rende la persona inabile al matrimonio, anche nell' ipotesi … … … che al momento di contrarre le nozze abbia avuto la discrezione di giudizio sufficiente per un valido consenso".* (*op. Cit*., p. 99).

Illi kwantu ghall-obbligazzjonijiet essenzjali taz-zwieg, din il-Qorti tifhem li, fin-nuqqas ta' definizzjoni jew indikazzjoni fil-**Kap. 255**, dawn l-obbligazzjonijiet essenzjali huma dawk li fis-socjeta` Maltija dejjem u nvarjabbilment gew ritenuti bhala l-obbligazzjonijiet essenzjali taz-zwieg.

Dawn huma *"the obligation concerning the conjugal act or carnal union, as bodily union and basis of procreation; the obligation of the community of life and love as an expression of the union between man and woman, mutual well-being, which is inseparable from the provision of an environment conducive to the reception and education of children; and the obligation to receive and bring up children within the context of a conjugal community. It is important to remember that these essential obligations must be mutual, permanent, continuous, exclusive and irrevocable so that there would be incapacity if one of the contracting parties should be, due to a psychological cause, incapable of assuming these obligations with these essential characteristics".* (***Viladrich, P.J.,*** *op. Cit., p. 687*).

Illi rigward l-**artikolu 19 (1) (f) tal-Kap 255 tal-Ligijiet ta' Malta,** dan l-artikolu jikkonsidra kemm is-simulazzjoni totali *("colorem habens, substantiam vero nullam")* kif ukoll dak parzjali *(colorem habens, substantiam vero alteram)* tal-kunsens.

Illi rigward it-tifsira tal-frasi *"eskluzjoni pozittiva taz-zwieg innifsu"*, jew kif maghruf ukoll bhala simulazzjoni totali, l-Qorti fil-kawza **"Bonnici vs Bonnici"** (P.A. 30 ta' Lulju 1982) qalet illi biex ikun hemm simulazjoni totali jrid jigi ippruvat il-*'finis operis'* taz-zwieg gie effettivament eskluz mill-vera rieda ta' parti jew ohra, ghalkemm formalment tkun sehhet ic-celebrazzjoni taz-zwieg.

Illi fis-sentenza **"Cali vs Dr. Albert S. Grech *nomine".*** (P.A. 22 ta' Gunju 1988) il-Qorti qalet illi jekk tmur ghac-cerimonja tat-tieg u internament tissostitwixxi l-ideat tieghek fuq x'inhu zwieg jew inkella xort'ohra teskludi l-veru kuncett taz-zwieg, hi forma ta simulazzjoni totali. Fid-decizjoni **"Galea vs Walshi"** (P.A. 30 ta' Marzu 1995) il-Qorti spjegat simulazzjoni bhala *"meta l-atti, gesti jew kliem esterni ma jikkorrispondux ghall-kunsens intern li jkun inghata".* Illi fis-sentenza **"Muscat vs Borg Grech"** (P.A. 14 ta' Awissu 1995) il-Qorti spjegat il-kuncett ta' simulazzjoni b'dawn il-kliem:-

*"Ghalhekk min esternament ikun wera li qed jghati l-kunsens matrimonjali izda jkun internament u b'att pozittiv tal-volonta' tieghu qed jichad il-kunsens ghal dak iz-zwieg ikun qed jissimula l-kunsens tieghu".*

Illi kif gie insenjat fid-decizjoni fl-ismijiet **"Francesco Teuma vs Liugi Camilleri et",** (K. 1 ta' Ottubru 1884 - Vol. X p.912):-

*"a poter dedursi la invalidita dell'atto e' necessario che risulti chiaro, che cio' che si contrattava non era la yenta, ma una simulazione, cioe' 'fictio seu ostensio falsi pro vero".*

Illi kif inghad fis-sentenza **"Anthony Gallo vs Dr. Anthony Cutajar nomine"** (P.A. (RCP) 28 ta' Mejju 2002) *"meta wiehed jitkellem dwar l-eskluzjoni taz-zwieg jew wiehed mill-elementi essenzjali tieghu, wiehed irid jifli jekk il-kontendenti jew wiehed minnhom, alavolja hu kapaci jaghti l-kunsens validu taz-zwieg, pero' bl-att tieghu qabel u fil-hajja mizzewga, jew bl-ommissjoni tieghu, eskluda a priori certu obbligi essenzjali tal-hajja mizzewga, cjoe', issimula l-kunsens tieghu totalment fejn eskluda a priori z-zwieg, jew inkella fejn filwaqt il-kunsens hu jew hi eskludew xi wahda jew aktar mill-elementi essenzjali tal-hajja mizzewga, u cioe' saret simulazzjoni parzjali".*

Illi fil-fatt din il-Qorti taqbel mal-istess definizzjoni u fil-fatt wiehed jinnota li taht l-**artikolu 19 (1) (f)** trid issir distinzjoni cara bejn zwieg li jfalli minhabba cirkostanzi li jirrizultaw waqt iz-zwieg, u zwieg li jfalli ghax wiehed mill-partijiet minn qabel ma ta l-kunsens tieghu kien gja' mentalment dispost li ma jottemporax ruhu ma' xi wahda jew aktar millobbligi matrimonjali. Fl-ewwel ipotesi hemm ir-ragunijiet li jaghtu lok ghas-separazzjoni u fit-tieni ipotesi hemm l-estremi tal-annullament taz-zwieg.

Illi ghal dak li jolqot l-kuncett ta' *"l-eskluzjoni pozittiva ta' xi wiehed jew aktar mill-elementi essenzjali tal-hajja mizzewga",* u cjoe' simulazzjoni parzjali, il-Prim' Awla tal-Qorti Civili fil-kawza **"Abdel Wahed vs Dr. Yana Micallef**

**Stafrace et"** (P.A.(NA) 14 ta' Lulju 1994) elenkat l-element essenzjali taz-zwieg bhala li jikkonsistu fil-*"kommunjoni tal-hajja konjugali, l-indissolubilta' tar-rabta taz-zwieg, id-dritt ghall-fedelta' u d-dritt ghall-prokreazzjoni ta' l-ulied".* L-istess elementi gew ikkonfermati wkoll fil-kawza **"Aquilina vs Aquilina"** (P.A. (NA) 30 ta' Jannar 1991) u fis-sentenza **"Grech vs Grech"** (P.A. (NA) 9 ta' Ottubru 1990). Dawn huma wkoll l-elementi fil-ligi kanonika.

Illi l-komunjoni tal-hajja konjugali u l-*"Consortium Vitae"* tikkomprendi zewg elementi u cjoe' l-imhabba konjugali u r-responsabbilta` tal-familja. Kif qalet il-Prim'Awla tal-Qorti Civili fid-decizjoni **"Magri vs Magri"** (14 ta' Lulju 1994):-

*"Jekk din il-"Consortium Vitae" hija nieqsa, l-oggett innifsu tal-kunsens taz-zwieg huwa wkoll nieqes. Din il-"Consortium Vitae" tikkomprendi zewg elementi li huma l-imhabba konjugali u r-responsabbilta' tal-familja".*

Illi fil-fatt l-element ta' l-indossolubilta` taz-zwieg jehtieg li l-kunsens ikun ibbazat fuq rabta dejjiema bejn ragel u mara wahda, mibnija fuq il-fedelta` u formazzjoni tal-familja. Il-ligi Maltija tippresupponi *'iuris tantum'* dan l-element ta' ndossolubilta` fiz-zwieg.

Illi fil-fatt, ***J. Edwards Hudson*** (*op.cit* p164-165), jispjega car li *"indissolubility can be excluded from consent in two different ways: either because the spouse, knowing the true nature of marriage, nevertheless contract with the understanding that he will have the option of dissolving the bond and recovering his former free status, or because the spouse formulates his own doctrine on marriage, from which the idea of indissolubility is absent and to which he adheres totally with both intelligence and will power".*

Illi wkoll, ***D.J. Burns*****,** fil-kummentarju tieghu (***D.J. Burns***, **Matrimonial Indissolubility: Contrary Conditions**. **A Historical Synopsis and Commentary.** pg.151) jghid li *"it is not necessary that this intention* (i.e. li teskludi l-indossolubbilta') *was formulated as an express*

*agreement, it can be inferred either from an explicit declaration of one or both parties, or consequent on certain words or actions implying that effect, or as a result of the narration of the circumstances of the contract".*

**(ii) <u>APPREZZAMENT TAL-PROVI.</u>**

Illi l-attrici fl-affidavit taghha ssostni li hija ltaqghet mal-konvenut meta kellha hmistax-il sena (15) u li zzewget lill-istess konvenut wara xi sitt snin ta' gherusija u fiz-zwieg taghha tilmenta li l-konvenut kien maqtugh minnha u kellu nuqqas ta' karezzi, u anke li kien izomm lura mill-atti ta' konjugi, haga li hija kontradetta mill-konvenut, li qed jopponi ghal din it-talba ta' annullament taz-zwieg.

Illi in verita' din il-Qorti thoss li t-talbiet attrici ma jistghux jigu milqugha *stante* li mill-provi migjuba quddiem din il-Qorti ma giex ippruvat li xi wahda mill-partijiet kellhom difett serju ta' diskrezzjoni fuq il-hajja mizzewga tali li jrendu l-istess zwieg null u bla effett; il-fatt li l-kontendenti llum huma sseparati u wkoll li jidher li l-attrici qed tilmentat minhabba li skond hija l-konvenut ma kienx jaghti kazha emozzjonalment, allegazzjoni li hija prontament kontradetta mill-konvenut, ma jwasslux sabiex tigi ddikjarata n-nullita' taz-zwieg f'dan il-kaz,

Illi wkoll jinghad li sabiex ikun hemm nullita' taz-zwieg ir-raguni trid tkun tezisti qabel u hafna drabi waqt l-ghoti tal-kunsens taz-zwieg u f'dan il-kaz certament ma ngabu l-ebda provi dwar l-istess; ghal dak li sar wara u hafna drabi waqt iz-zwieg huwa relevanti jekk dan jitfa' dawl fuq il-kunsens li jkun inghata mill-parti sabiex jigi celebrat l-istess zwieg, li jkun indikattiv tat-tip ta' kunsens li jkun inghata, izda f'dan il-kaz, skond din il-Qorti ma hemmx provi li juri li l-kunsens tal-partijiet kien b'xi mod vizzjat.

Illi l-istess jista' jinghad ghal dak stipulat fl-**artikolu 19 (1) (f) tal-Kap 255** *stante* li ma jidhirx li l-partijiet jew wiehed jew wahda minnhom eskludew xi elementi essenzjali taz-zwieg, u allura t-talba attrici lanqas fuq dan il-bazi ma tista' tigi milqugha. Jidher li mill-provi prodotti li l-attrici ghamlet din il-kawza wara li kellha relazzjoni ma' persuna

ohra tant li l-partijiet illum sfortunatament jinsabu separati, pero' certament din ma twassalx sabiex jinghata l-annullament taz-zwieg, u fil-fatt abbazi tal-provi prodotti mill-attrici ma jidhirx li hemm kaz li din ic-citazzjoni tigi milqugha.

**III. KONKLUZJONI.**

Illi ghalhekk ghal dawn il-motivi, din il-Qorti, **taqta' u tiddeciedi,** billi filwaqt li tilqa' l-eccezzjonijiet tal-konvenut, **tichad it-talba attrici** *stante* li hija nfondata fil-fatt u fid-dritt.

Bl-ispejjez kollha kontra l-attrici.

**Moqrija.**

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------